



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' April 2022
(OR. en)

8071/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0112(NLE)

ECOFIN 324
CADREFIN 49
UEM 58
FIN 423

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 172 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 172 final.

Mehmuż: COM(2022) 172 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.4.2022
COM(2022) 172 final

2022/0112 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-
Bulgarija**

{SWD(2022) 106 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Bulgarija. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tal-Bulgarija kien ta' 28 % tal-medja tal-Unjoni. Il-PDG reali tal-Bulgarija naqas b'4,4 % fl-2020 u b'0,4 % b'mod kumulattiv fl-2020 u fl-2021. Il-Bulgarija għandha wieħed mill-ogħla livelli ta' faqar u inugwaljanza fl-introjtu fl-UE u s-sistema tas-saħħa tagħha għadha dgħajfa u hija kkaratterizzata minn aċċess limitat għas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Il-Bulgarija hija l-aktar ekonomija b'użu intensiv tal-karbonju u tal-enerġija fl-Unjoni. Hija tiddependi ħafna fuq il-faħam u l-linjite, minkejja li għandha potenzjal kbir ħafna għall-enerġija rinnovabbli u għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, speċjalment għall-istokk tal-bini. It-titjib tal-kwalità tal-istituzzjonijiet u l-għlieda kontra l-korruzzjoni jibqgħu sfidi ewlenin għat-trawwim ta' ambjent kummerċjali favorevoli. In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet kif ukoll l-ispariġġi fil-ħiliet meta mqabbla mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol jirrappreżentaw ostaklu sinifikanti għall-investiment fin-negożju u jillimitaw il-gwadanji fil-produttività. L-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali miexja bil-mod kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Il-Bulgarija tinsab fl-aħħar post fl-Unjoni fil-ħiliet diġitali.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Bulgarija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tindirizza l-pandemija b'mod effettiv, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta u ssegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Barra minn hekk, fir-rigward tal-finanzi pubbliċi, il-Kunsill irrakkomanda titjib fil-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.

ġbir tat-taxxi permezz ta' miżuri mmirati f'oqsma bħat-taxxi fuq il-fjuwil u fuq ix-xogħol u titjib fil-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-Istat. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Bulgarija sabiex tiżgura l-istabbiltà tas-settur bankarju billi ssaħħa is-superviżjoni u tippromwovi valutazzjoni adegwata tal-assi. Fir-rigward tas-settur mhux bankarju, ġie rrakkomandat li tiġi żgurata superviżjoni effettiva u jiġi żgurat infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus u l-funzjonament effettiv tal-qafas ta' insolvenza. Barra minn hekk, ġie rrakkomandat li jittejbu l-kwalità u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika, jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv u jiġi rinforzat il-gvern digital. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija sabiex issaħħa ir-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa, tiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-ħaddiema tas-saħħa, u ttejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inkluż billi tnaqqas il-pagamenti mill-but u tindirizza n-nuqqas ta' professjonisti tas-saħħa. Partikolarment rilevanti għall-isfidi soċjali kienu r-rakkomandazzjonijiet li jittejbu l-kwalità, l-inklużività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari għar-Roma u għal gruppi żvantaġġati oħrajn, li jissaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li tissaħħa l-impjegabbiltà billi jissaħħu l-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, u li tiġi indirizzata l-inklużjoni soċjali permezz ta' aċċess imtejjeb għal servizzi soċjali u tal-impjiegi integrati permezz ta' appoġġ aktar effettiv għall-introjt minimu. Sabiex tindirizza l-kriżi tal-COVID-19, il-Bulgarija ġiet irrakkomandata li ttejjeb l-aċċess għax-xogħol mill-bogħod, tippromwovi l-ħiliet diġitali u l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija tipprovdi appoġġ effettiv lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lil dawk li jaħdmu għal rashom, filwaqt li tiżgura wkoll l-aċċess kontinwu tagħhom għall-finanzi u għall-arranġamenti ta' pagament flessibbli u għal frontloading ta' proġetti ta' investiment pubbliku maturi u tippromwovi investiment privat sabiex trawwem l-irkupru ekonomiku. Ġie rrakkomandat li tiffoka l-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nadif u effiċjenti tal-enerġija u r-risorsi, l-infrastruttura ambjentali u t-trasport sostenibbli, u b'hekk tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffokata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà, l-infrastruttura tal-ilma, tal-iskart u tal-enerġija u l-effiċjenza tal-enerġija, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali, u ttejjeb l-ambjent tan-negozju. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP"), il-Kummissjoni ssib li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-iżgurar tal-istabbiltà tas-settur bankarju permezz tar-rinfurzar tas-superviżjoni, it-tisħiħ tas-settur finanzjarju mhux bankarju permezz tal-infurzar b'mod effettiv tas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju, il-provvista ta' rispons tal-politika fiskali immedjat biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru li jirriżulta, u r-rakkomandazzjoni li jiġu ssimplifikati u aċċellerati l-proċeduri biex jiġi pprovdut appoġġ effettiv lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom. Sar xi progress bir-rakkomandazzjoni dwar it-titjib tas-sistema tal-ġbir tat-taxxa u hemm diversi proġetti ppjanati taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jappoġġaw ulterjorment il-progress f'dan il-qasam.

- (3) Fil-15 ta' Ottubru 2021, il-Bulgarija ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas

ġuridiku nazzjonali, bl-involvement ta' awtoritajiet lokali u regionali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

- (4) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”) u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 insostenn tal-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (5) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti madwar l-Unjoni. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntieri u multinazzjonali, dawn ir-riformi u l-investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jgħibu effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol tal-Istati Membri se jiġi minn spillovers minn Stati Membri oħrajn.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (6) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a), u l-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li tiffaċċja l-Bulgarija u l-allokazzjoni finanzjarja għaliha.
- (7) L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastri kollha, bi kważi l-komponenti kollha tiegħu jindirizzaw pilastri multipli. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jiżgura li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u b'mod koerenti.
- (8) L-RRP jinkludi miżuri importanti sabiex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni doppja. Fil-qasam tal-azzjoni klimatika u tat-tranżizzjoni tal-enerġija, jiġu ddedikati sforzi sinifikanti biex jiġi aċċellerat u ffaċilitat l-użu tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur tal-enerġija bi kważi nofs, jiġu liberati s-swieq tal-elettriku bl-ingrossa u bl-imnut, u tingħata spinta lir-rinnovazzjonijiet tal-istokk tal-bini bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika. Investimenti u riformi sinifikanti għandhom ukoll l-għan li jippromwovu mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u l-użu ta' modi tat-trasport li jniġġsu anqas, b'mod partikolari t-trasport bil-ferrovija. Hemm ukoll enfasi qawwija fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Bulgarija, b'miżuri li jappoġġaw l-akkwist ta' ħiliet diġitali fil-popolazzjoni kollha, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, tal-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-ġudikatura, kif ukoll it-titjib tal-konnettività u tal-użu tal-broadband f'żoni remoti u skarsament popolati. L-investimenti f'oqsma bħall-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà tat-trasport bil-ferrovija, u l-ġestjoni intelliġenti tal-ilma jagħmlu kontribut importanti kemm għall-oġettivi ekoloġiċi kif ukoll għal dawk diġitali.

- (9) Diversi komponenti fl-RRP huma mistennija li jikkontribwixxu għall-pilastru dwar tkabbir intelliġenti, sostenibbli, u inklużiv, b'firxa wiesgħa ta' miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività u li jtejbju r-riċerka u l-iżvilupp. L-RRP fih investimenti biex jappoġġa lin-negozji, speċjalment lill-SMEs permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji mmirati biex jippromwovu d-diġitalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari, u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-konsum proprju biex jippermettu lin-negozji jittrattaw it-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-miżuri fil-pjan jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-investimenti f'parks u f'żoni industrijali u għall-appoġġ tas-setturi kulturali u kreattivi. Barra minn hekk, ir-riformi u l-investimenti jenħtieġ li jappoġġaw it-titjib tal-ekosistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni u b'hekk iżidu l-output tal-innovazzjoni tal-Bulgarija, irawmu t-trasferiment tat-teknoloġija u l-kummerċjalizzazzjoni tar-risultati tar-riċerka, u dan jenħtieġ li jixpruna fit-tul it-tkabbir ekonomiku tagħha. L-RRP jiffoka b'mod qawwi fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, l-agrikoltura sostenibbli, il-mobbiltà sostenibbli (it-trasport ferrovjarju u pubbliku), il-modernizzazzjoni tas-sistema u tal-infrastruttura edukattiva, il-modernizzazzjoni tal-provvista tal-kura tas-saħħa u l-appoġġ għad-deistituzzjonalizzazzjoni tal-kura. L-RRP għandu wkoll l-għan li jsaħħa l-ambjent tan-negozju u l-istat tad-dritt b'miżuri li jindirizzaw kwistjonijiet ta' korruzzjoni bħal istituzzjonijiet riformati kontra l-korruzzjoni, leġiżlazzjoni ġdida dwar il-lobbjar u dwar il-protezzjoni tal-informaturi, riformi tas-sistema ġudizzjarja biex jiġu żgurati l-effettività tal-investigazzjonijiet kriminali, inklużi l-akkontabilità u r-responsabbiltà kriminali tal-Prosekutur Ġenerali, riformi biex jittejjeb il-proċess leġiżlattiv, riformi dwar l-akkwist pubbliku biex jitnaqqas l-użu ta' proċeduri mhux trasparenti, riforma tal-qafas ta' governanza tal-intrapriżi tal-istat u riforma dwar it-titjib tal-proċedimenti ta' insolvenza u ristrutturar.
- (10) Il-pilastru dwar is-saħħa, ir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali jinkludi miżuri li huma mistennija jikkontribwixxu għat-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni, l-apprendiment tul il-ħajja u l-kura tas-saħħa, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali. Il-miżuri rilevanti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jinkludu miżuri li jsaħħu r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja, bil-għan li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u li tiġi promossa r-riċerka, u bil-għan li tiġi żviluppata pjattaforma għall-apprendiment tul il-ħajja. Il-miżuri rilevanti fil-qasam tal-kura tas-saħħa jinkludu wkoll l-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali ġdida dwar is-saħħa, l-implimentazzjoni tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa, u l-istabbiliment ta' network ta' unitajiet ta' outpatient, appoġġati minn riforma mmirata lejn id-distribuzzjoni żbilanċjata tal-professjonisti mediċi. Sabiex titrawwem l-inklużjoni soċjali, l-RRP ikopri riforma sabiex jittejbju l-kopertura u l-adekwatezza tal-iskema ta' introjtu minimu u miżuri fil-qasam tas-servizzi soċjali, inklużi l-kura fit-tul. Fir-rigward tal-koeżjoni soċjali u territorjali, l-appoġġ għat-tnedija tal-broadband fiż-żoni rurali u remoti huwa mistenni li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal konnettività b'veloċità għolja, filwaqt li l-koeżjoni soċjali hija mistennija li titrawwem permezz ta' riforma tal-iskema ta' introjtu minimu li jibbenefikaw minnha l-adulti u t-tfal, investment fl-ekonomija soċjali, il-modernizzazzjoni tas-servizzi soċjali u tal-impjiegi u l-forniment ta' servizzi tat-telemediċina u tal-gvern elettroniku f'żoni remoti permezz ta' adattament tan-network postali tal-pajjiż. L-RRP Bulgaru huwa mistenni li jikkontribwixxi għal politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss b'miżuri bħall-inklużjoni obligatorja ta' tfal ta' erba' snin fl-edukazzjoni preprimarja u l-modernizzazzjoni u l-konstruzzjoni ta' infrastrutturi edukattivi, inklużi kindergartens u laboratorji tal-iskejjel, u l-istabbiliment ta' ċentri taż-żgħażaġħ madwar il-pajjiż.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b), u l-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti tagħhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Bulgarija, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (12) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti tagħhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Bulgarija mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-kura tas-saħħa, id-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali u l-ambjent tan-negozju.
- (13) L-RRP jinkludi riformi strutturali u investimenti ewlenin li jindirizzaw rakkomandazzjonijiet fit-tul fir-rigward tal-ambjent tan-negozju u t-titjib tal-qafas istituzzjonali. B'mod partikolari, ir-riforma tal-qafas ta' insolvenza hija mistennija li tikkontribwixxi għal sistema aktar effettiva u flessibbli għar-ristrutturar tan-negozji, it-titjib tal-governanza tal-intrapriżi tal-istat u r-riforma tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku jenħtieġ li tikkontribwixxi għal allokkazzjoni aktar trasparenti u effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. Ir-riformi inklużi fl-RRP jappoġġaw qafas istituzzjonali aktar b'saħħtu, inkluż permezz ta' titjib fil-kapaċità u l-funzjonament tal-qafas kontra l-korruzzjoni, riformi għidizzjarji biex tiġi żgurata l-effettività tal-investigazzjonijiet kriminali, inklużi l-akkontabilità u r-responsabbiltà kriminali tal-Prosekutur Ġenerali, kif ukoll implimentazzjoni mtejbja tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus. Aktar miżuri li jappoġġaw it-titjib tal-ambjent tan-negozju jinkludu riforma tal-proċess leġiżlattiv bl-għan li jiżdiedu l-kwalità u l-prevedibbiltà tiegħu u r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet ta' lobbjar fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi. L-RRP jinkludi wkoll sett ta' riformi u investimenti mmirati biex jimminimizzaw il-piż amministrattiv għall-kumpaniji permezz tat-titjib tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u permezz tat-tiżiħ tal-gvern elettroniku, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema għidizzjarja u l-forniment akbar ta' servizzi pubbliċi diġitali, anki f'żoni rurali u remoti.
- (14) Il-pakkett komprensiv ta' riformi u investimenti fl-RRP jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-setturi tal-enerġija u tat-trasport tal-Bulgarija kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. B'mod partikolari, il-miżuri inklużi fl-RRP huma mistennija li jaċċelleraw l-użu ta' sorsi u ħżin tal-enerġija rinnovabbli u jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-produzzjoni tal-enerġija, u b'hekk jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam. L-RRP jinkludi wkoll riformi ewlenin li għandhom l-għan li jistabbilixxu swieq kompetittivi bl-ingrossa u bl-imnut, u b'hekk itejbu l-aċċess tal-enerġija rinnovabbli għas-suq, u jtejbja l-governanza korporattiva fis-settur tal-enerġija. Fir-rigward tat-trawwim ta' trasport sostenibbli, l-RRP jinkludi riforma tal-mobbiltà elettronika, immirata lejn il-promozzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, bħaż-żieda tal-punti tal-iċċarġjar pubbliċi, u l-introduzzjoni taż-żoni b'emissjonijiet baxxi f'xi wħud mill-akbar bliet distrettwali u l-aktar imniġġsa. L-RRP jinkludi wkoll riforma tas-sistema tat-trasport pubbliku u l-introduzzjoni ta' sistema ta' biljett uniku għat-trasport pubbliku, u investimenti fid-diġitalizzazzjoni u

fil-modernizzazzjoni tal-ferroviji, inkluż l-akkwist ta' rolling stock b'emissjonijiet zero.

- (15) Riforma tal-iskema ta' introjtu minimu mmirata biex iżżid l-adeqwatezza u l-kopertura tagħha hija mistennija li tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rigward tal-inklużjoni soċjali. Barra minn hekk, l-RRP huwa mistenni wkoll li jtejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni u l-apprendiment għall-adulti u li jippromwovi l-inklużjoni soċjali permezz ta' riformi u investimenti, inkluż l-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mill-età ta' erba' snin, il-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet edukattivi u l-iżvilupp ta' pjattaforma online għall-apprendiment għall-adulti marbuta mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Fir-rigward tal-kura tas-saħħa, il-miżuri fl-RRP huma mistennija li jikkontribwixxu għall-indirizzar tan-nuqqasijiet fl-għadd ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa, inkluż id-distribuzzjoni ġeografika żbilanċjata tagħhom, iż-żieda tad-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa fit-territorju tal-pajjiż permezz ta' unitajiet ta' outpatient, it-tisħiħ tas-servizzi tat-telemediċina u l-istabbiliment ta' servizz tal-ambulanza tal-ajru, u b'hekk isaħħu l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Madankollu, il-pjan ma jindirizzax il-livell għoli ta' ħlas mill-but.
- (16) L-RRP jinkludi miżuri ffukati fuq iż-żieda tad-disponibbiltà tal-infrastrutturi diġitali, l-aċċess għax-xogħol mill-bogħod u t-titjib tal-ħiliet diġitali, li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari permezz ta' miżuri dwar l-użu fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi amministrattivi u regolament rivedut dwar ix-xogħol mill-bogħod. L-RRP jippromwovi wkoll ir-rilevanza tal-ħiliet u l-apprendiment għall-adulti, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, l-RRP jindirizza r-rakkomandazzjoni biex jitrawmu l-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali permezz ta' pakkett estensiv ta' riformi u investimenti. Minbarra l-miżuri ffukati fuq it-tranżizzjoni lejn prattiki tan-negozju ekoloġiċi, ċirkolari u orjentati lejn il-qasam diġitali fir-rigward tal-SMEs, l-RRP jinkludi miżuri mmirati lejn ir-ristrutturar u l-iżvilupp ulterjuri tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-output tal-innovazzjoni tal-Bulgarija, b'enfasi partikolari fuq il-qasam tat-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali. L-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-kompetittività u għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni tal-pajjiż u għall-iżvilupp lokali. Dan jinkludi riforma tas-setturi tal-ġestjoni tal-ilma u tal-agrikoltura, kif ukoll il-konstruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni tas-sistema tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ. Barra minn hekk, l-iżvilupp lokali jenħtieġ li jiġi promoss permezz ta' approċċ ġdid ta' politika reġjonali u riformi ddedikati li mistennija jrawmu l-involvement dirett tal-komunitajiet lokali fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni.
- (17) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-ambitu tal-RRP tal-Bulgarija, minkejja l-fatt li l-Bulgarija ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li tappoġġa l-ekonomija permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, għall-ħolqien tal-impjiegi u għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt kbir (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Bulgarija, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk itejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (19) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Bulgarija b'1,9 % għal 3 % sal-2026, bl-esklużjoni tal-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali. L-aktar effetti pożittivi persistenti sinifikanti fuq it-tkabbir u l-produttività fuq perjodu ta' żmien medju sa twil huma mistennija li jirriżultaw minn investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, inkluż l-użu tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, kif ukoll minn investimenti li jappoġġaw lin-negozji u l-miżuri li huma mistennija jattiraw l-investiment industrijali u jiżviluppaw ekosistemi industrijali.
- (20) Is-sett ta' riformi u investimenti ppreżentati mill-Bulgarija huwa mistenni li jstimula t-tkabbir u jżid ir-reżiljenza tal-ekonomija billi jindirizza xi nuqqasijiet strutturali importanti u vulnerabbiltajiet fit-tul. Il-miżuri inklużi fl-RRP biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju, inkluż billi jissaħħa il-qafas istituzzjonali u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, tal-ġudikatura u tas-settur tal-konstruzzjoni, huma mistennija jgħolqu kundizzjonijiet ferm aktar favorevoli għall-investimenti privati fil-pajjiż. Barra minn hekk, ir-riformi u l-investimenti fl-edukazzjoni u l-ħiliet, fir-riċerka u l-innovazzjoni, fid-dekarbonizzazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni kif ukoll l-appoġġ għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, fit-tranżizzjoni doppja tagħhom huma mistennija li jagħtu kontribut sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul u għall-ħolqien tal-impjiegi.
- (21) L-RRP fih riformi u investimenti sinifikanti sabiex tiġi appoġġata l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, li jikkontribwixxu għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-vulnerabbiltajiet soċjali jenħtieġ li jiġu mitigati permezz tat-titjib tas-sistema ta' appoġġ soċjali, b'mod partikolari r-riforma tal-iskema ta' introjtu minimu u l-modernizzazzjoni tal-kura fit-tul għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità. Il-miżuri previsti huma mistennija li jikkontribwixxu għaż-żieda tar-reżiljenza soċjali għax-xokkijiet, għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali, u għall-ħolqien ta' opportunitajiet għall-aktar gruppi vulnerabbli sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri relatati mal-edukazzjoni u l-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, jenħtieġ li jżidu r-reżiljenza soċjoekonomika billi jindirizzaw id-differenzi persistenti u sinifikanti fil-ħiliet u jsaħħu l-impjegabbiltà u l-produttività tal-forza tax-xogħol. Il-miżuri fil-qasam tal-edukazzjoni huma mistennija li jappoġġaw aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u jnaqqsu r-rati tat-tluq mill-iskola. Barra minn hekk, il-miżuri fil-qasam tas-saħħa huma mistennija jsaħħu r-rispons u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa u li jikkontribwixxu għat-titjib tad-distribuzzjoni ġeografika tal-ħaddiema tas-saħħa. Jenħtieġ li l-RRP ikompli jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet territorjali permezz ta' riformi li jappoġġaw approċċ territorjali minn isfel għal fuq kif ukoll investimenti infrastrutturali ddedikati fis-settur tal-ilma fir-reġjuni barra mill-belt kapitali, u investimenti biex jiġu żgurati konnessjonijiet tat-trasport aħjar fit-Tramuntana tal-pajjiż. Investimenti oħra fit-trasport u l-konnettività diġitali fil-pajjiż u żieda fid-disponibbiltà tal-gvern elettroniku u ta' servizzi amministrattivi oħra f'żoni remoti u skarsament popolati huma mistennija wkoll li jsaħħu l-koeżjoni territorjali. Finalment, ir-riformi u l-investimenti lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija

jenħtieġ li jwittu t-triq għall-investimenti fil-qafas tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex jiġi żgurat li r-reġjuni tal-faħam jiġu meġġuna waqt it-tranżizzjoni u li ħadd ma jibqa' lura.

- (22) L-RRP jinkludi diversi interventi biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġħ. Ir-riformi u l-investimenti huma mistennija jtejbju l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità u jippromwovu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, permezz tal-inklużjoni obbligatorja ta' tfal ta' erba' snin fl-edukazzjoni preprimarja u l-promozzjoni tal-iżvilupp personali taż-żgħażaġħ, permezz tal-istabbiliment ta' ċentri taż-żgħażaġħ. Barra minn hekk, l-RRP jiffoka fuq il-modernizzazzjoni tal-iskejjel, inkluż billi jistabbilixxi laboratorji tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM), li jiżgura adattament kontinwu għall-isfidi attwali tal-apprendiment, b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (24) F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" adottata mill-Kummissjoni (2021/C 58/01), il-Bulgarija pprovdiet evidenza u assigurarazzjonijiet li l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP jenħtieġ li ma jwasslux għal ħsara sinifikanti għal kwalunkwe wieħed mis-sitt oġġettivi ambjentali, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-miżuri b'impatt fuq l-oġġettivi ambjentali li jeħtieġu skrutinju mill-qrib.
- (25) L-RRP huwa mistenni jiżgura li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali billi jintgħażlu miżuri li jew jikkontribwixxu sostanzjalment għal oġġettiv ambjentali jew li ma jkollhom l-ebda impatt prevedibbli jew impatt insinifikanti fuq l-oġġettivi ambjentali. Miżuri oħrajn, inklużi skemi ta' appoġġ wiesa', huma mfassla sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan il-prinċipju. L-istadji importanti jew il-miri jenħtieġ li jiżguraw li r-rekwiżiti għall-konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jkunu mnaqqxa fit-tfassil tal-iskemi u fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni, inkluż matul il-proċess tas-sejħa għall-offerti, fejn applikabbli, u fil-każijiet kollha fl-eżiti finali. Għal miżuri li jeħtieġu valutazzjoni sostantiva f'konformità mal-gwida teknika tal-Kummissjoni, bħall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-mobbiltà sostenibbli u r-rinnovazzjoni tal-bini, jenħtieġ li jiġu stabbiliti stadji importanti u miri speċifiċi biex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt oġġettivi ambjentali. Bħala tali, il-kriterji ta' "l-ebda ħsara sinifikanti" jenħtieġ li jkunu integrati fl-istadji importanti relatati mal-proċess tal-għażla għal

² Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

proġetti rilevanti u, fejn applikabbli, referenzi għal lista ta' esklużjoni fl-istadji importanti u fil-miri rilevanti.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li jikkontribwixxu bi kbir (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 58,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (27) F'termini ta' kontribuzzjoni għall-miri tal-Unjoni relatati mal-klima u mal-enerġija għas-snin 2030–2050 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, l-RRP jindirizza wħud mill-isfidi ewlenin tal-politika u jikkontribwixxi għall-ksib ta' dawn l-oġettivi, filwaqt li se jkun meħtieġ sforz addizzjonali biex dawn l-oġettivi jintlaħqu bis-sħiħ, b'mod partikolari peress li l-Bulgarija għandha l-oġġla intensità tal-karbonju fl-UE, erba' darbiet aktar mill-medja tal-UE. Il-miżuri fl-RRP Bulgaru jinkludu riformi u investimenti fit-tul li huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jinkludi riformi u investimenti biex jiġi appoġġat l-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin tal-elettriku fuq skala kbira u impenn ċar għall-eliminazzjoni gradwali tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam u mil-linjite malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2038.
- (28) Barra minn hekk, investiment fl-infrastruttura tan-network tal-elettriku bil-għan li tiġi mmodernizzata l-grilja tal-elettriku permezz tal-inklużjoni ta' għodod u metodi diġitali huwa mistenni li jkun il-pedament għal penetrazzjoni akbar tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u integrazzjoni akbar mal-pajjiżi ġirien. Il-kombinazzjoni ta' riformi u investimenti inklużi fl-RRP hija mistennija li tipprovdi 3,5 GW addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u faċilitajiet ġodda ta' ħżin b'6 000 MWh ta' enerġija li tista' tintuża. L-RRP jinkludi wkoll miżuri biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti pilota li jippermettu l-introduzzjoni ta' idroġenu ekoloġiku u bijogass għal applikazzjonijiet industrijali u għal użu futur fit-trasport u għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana. Investimenti sostanzjali fir-rinnovazzjoni enerġetika ta' bini pubbliku u privat, u dwal tat-toroq huma mistennija li jżidu l-effiċjenza enerġetika. Ir-riformi u l-investimenti huma mistennija li jagħtu kontribut sinifikanti għall-avvanz tal-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tal-klima kif stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali Bulgaru għall-Enerġija u l-Klima u fl-istrateġija fit-tul għad-dekarbonizzazzjoni. Dan jinkludi miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-elettriku b'40 % taħt il-livelli tal-2019, li għandu jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-2025, u leġiżlazzjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni, inkluż kalendarju għall-eliminazzjoni gradwali tal-impjanti tal-enerġija tal-faħam u tal-linjite u limitu regolatorju fuq l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju applikabbli mill-1 ta' Jannar 2026. Barra minn hekk, l-RRP jappoġġa l-bidla lejn il-mobbiltà sostenibbli b'riforma dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà elettrika u b'bosta investimenti mmirati lejn il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-trasport pubbliku permezz tal-akkwist ta' rolling stock b'emissjonijiet zero, il-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju u l-kostruzzjoni ta' segment ġdid tal-metrò f'Sofija, li huma mistennija jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Il-miżuri tas-sikurezza fit-toroq inklużi fl-RRP jenħtieġ li jikkontribwixxu biex it-

trasport isir aktar sostenibbli billi jiġu indirizzati s-sikurezza u l-attrazzjoni tat-trasport ukoll permezz ta' tnaqqis b'nofs tal-blackspots/tal-hotspots tas-sikurezza fit-toroq.

- (29) L-RRP jikkontribwixxi wkoll għall-oġġettivi tal-politika ambjentali tal-Unjoni bħat-titjib tal-ġestjoni tal-ilma, il-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli, u l-preservazzjoni tal-bijodiversità. L-RRP fih riformi u investimenti fis-servizzi tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ, inkluż il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma u t-titjib tal-kontroll tal-użu tal-ilma. Il-miżuri ddedikati għall-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u tal-habitats naturali huma mistennija jikkontribwixxu għall-bini ta' strutturi effettivi ta' ġestjoni ta' Natura 2000 fil-pajjiż kif ukoll għar-restawr ta' ekosistemi relatati mal-klima u għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Ir-riformi u l-investimenti, inkluż l-immirar tal-ġestjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi ambjentali u naturali fil-qasam tal-agrikoltura sostenibbli u l-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tas-settur agrikolu Bulgaru, għandhom l-għan li jtejjbu l-ġestjoni sostenibbli u l-kompetittività tas-settur fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw impatt dejjiemi tal-RRP Bulgaru fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fuq il-bijodiversità u l-protezzjoni ambjentali.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (30) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 25,8 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (31) L-RRP għandu enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'miżuri inklużi fil-komponenti kollha, li jirriflettu n-natura wiesgħa u trażversali tal-isforzi previsti għad-diġitalizzazzjoni. Investimenti u riformi sinifikanti fil-konnettività diġitali jenħtieġ li jżidu l-kopertura ta' networks b'kapaċità għolja ħafna f'żoni rurali u skarsament popolati li għadhom lura f'termini ta' inklużjoni diġitali u joħolqu ambjent favorevoli għall-introduzzjoni ta' networks 5G u infrastruttura diġitali. L-RRP jinkludi wkoll pakkett komprensiv ta' riformi u investimenti mmirati sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-gvern elettroniku u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-ġudikatura, li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini u n-negozji u għaż-żieda tal-kwalità u l-effettività tas-servizzi pubbliċi f'oqsma bħall-ġustizzja, is-saħħa, l-agrikoltura u l-ambjent, il-kultura, l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali. L-RRP jappoġġa wkoll id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tat-trasport u tal-enerġija u b'hekk jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni progressiva tagħhom. Fir-rigward tas-settur privat, l-investimenti fit-trasformazzjoni diġitali tal-proċessi tan-negozju u ż-żieda fil-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-titjib tal-effiċjenza u l-produttività tagħhom. Barra minn hekk, it-teknoloġiji u l-infrastruttura diġitali huma mistennija li jtejjbu l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Bulgarija, b'enfasi partikolari fuq it-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li diversi universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka jkollhom aċċess għal konnettività ultraveloċi meħtieġa sabiex jipparteċipaw f'networks Ewropej tar-riċerka.
- (32) Iż-żieda fil-livell ta' ħiliet diġitali tal-popolazzjoni hija prijorità oħra appoġġata mill-RRP, inkluż permezz ta' riformi u investimenti mmirati fis-sistema edukattiva, bħall-istabbiliment ta' laboratorji STEM fl-iskejjel, u investiment għat-titjib tal-ħiliet u t-

taħriġ mill-ġdid sabiex tiżdied l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol billi jittejjbu l-ħiliet diġitali.

Impatt dejjiemi

- (33) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(g) u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq il-Bulgarija fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A).
- (34) Ir-riformi proposti fl-RRP huma mistennija li jipproduċu riżultati fit-tul u li jgħibu bidliet strutturali dejjiema. B'mod partikolari, ir-riformi previsti li għandhom l-għan li jrawmu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-riformi komprensivi fis-sistema edukattiva u tat-taħriġ, u r-riforma tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq l-ekonomija tal-Bulgarija billi jsaħħu l-ħiliet għas-suq tax-xogħol u jrawmu l-produttività u t-tkabbir sostenibbli fit-tul. Ir-riformi tal-kura tas-saħħa, tas-servizzi soċjali, inkluża l-kura fit-tul, u tal-iskema ta' introjtu minimu huma mistennija li jtejjbu b'mod dejjiemi s-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali tal-Bulgarija f'termini ta' inklużività, adegwatezza u effettività.
- (35) L-implimentazzjoni tar-riformi previsti fl-RRP, b'mod partikolari tar-riformi tal-qafas istituzzjonali u tal-istat tad-dritt, hija mistennija li twassal għal bidliet strutturali fl-amministrazzjoni pubblika u fl-istituzzjonijiet, li jikkontribwixxu għal titjib dejjiemi tal-kapaċità ta' funzjonament u amministrattiva tagħhom. L-RRP jinkludi riformi ewlenin tas-sistema ġudizzjarja biex tkun żgurata l-effettività tal-investigazzjonijiet kriminali, inklużi l-akkontabilità u r-responsabbiltà kriminali tal-Prosekutur Ġenerali, iż-żieda fil-kapaċità li tiġi miġġielda l-korruzzjoni fil-ġudikatura kif ukoll titjib fil-kapaċità tal-korpi kontra l-korruzzjoni, l-integrità tal-uffiċjali pubbliċi u l-effiċjenza tal-awtoritajiet superviżorji ta' kontra l-ħasil tal-flus. L-isforzi tar-riforma jenħteġ li jiffokaw ukoll fuq it-titjib tal-governanza tal-intrapriżi tal-istat, iż-żieda fit-trasparenza u fil-kompetizzjoni fil-proċess tal-akkwist pubbliku, it-titjib tal-kwalità tal-proċess leġislativ, u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi tal-awditjar u l-kontroll. Barra minn hekk, l-RRP fih riformi u investimenti mmirati lejn l-isfruttar tal-potenzjal tas-servizzi pubbliċi tal-gvern elettroniku u diġitali u b'hekk iżid b'mod dejjiemi l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika. L-RRP għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-ippjanar strateġiku u għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' prijorità.
- (36) L-RRP fih bosta riformi u investimenti li mistennija jkollhom impatt dejjiemi, billi jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'enfasi fuq ekonomija intelliġenti u sostenibbli. Riformi u investimenti sinifikanti inklużi fl-RRP għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi jappoġġaw l-użu akbar tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, iżidu l-effiċjenza enerġetika, jikkontribwixxu għall-mobbiltà stradali u ferrovjarja sostenibbli kif ukoll għall-agrikoltura sostenibbli u għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma. L-investimenti li jrawmu l-akkwist tal-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-investimenti fil-konnettività diġitali huma mistennija li jżidu b'mod dejjiemi l-effiċjenza f'dawk is-setturi. Barra minn hekk, il-pjan jinkludi investimenti sabiex jappoġġaw lin-negozji fit-tranżizzjoni doppja u sabiex jistimulaw it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli.
- (37) L-impatt dejjiemi tal-pjan jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn il-pjan u programmi oħrajn, inklużi dawk iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod

partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruw fondi u billi jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h), u l-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (39) Id-Direttorat Nazzjonali tal-Fondi fil-Ministeru għall-Finanzi huwa l-korp responsabbli għall-ġbir u r-rappurtar tad-*data* dwar il-progress u għat-tħejjija u s-sottomissjoni tat-talbiet għall-ħlas u għar-riċeviment tal-ħlas mingħand il-Kummissjoni. Se jaġixxi wkoll bħala l-punt ċentrali nazzjonali rigward it-tħejjija ta' regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-Faċilità, għat-twetliq tal-verifiki u l-kontrolli fuq l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi, inkluż il-monitoraġġ attiv tal-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri abbażi tal-istadji importanti u l-miri. Id-Direttorat tal-Koordinazzjoni Ċentrali fil-Ministeru għall-Finanzi se jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri tal-pjan, inkluż il-progress dwar indikaturi komuni, il-kontribuzzjoni ekoloġika u diġitali tal-investimenti eċċ. Għandu wkoll il-kompitu li jistabbilixxi qafas strateġiku għall-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjan u għall-amministrazzjoni, għall-manutenzjoni u għall-aġġornament tas-sistemi tal-IT għal programmi b'ġestjoni kondiviża mal-UE u taħt il-Faċilità. Id-Direttorat tal-Politika Ekonomika u Finanzjarja fil-Ministeru għall-Finanzi huwa l-awtorità responsabbli għar-rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri tal-pjan fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Awditjar tal-Fondi tal-UE, li taqa' taħt il-Ministeru għall-Finanzi, hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-awditjar u tal-kontroll fil-qafas tal-Faċilità. Ir-responsabbiltajiet li ġejjin jaqgħu wkoll fil-kompetenza tal-korp: il-verifika tal-affidabbiltà tad-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-mod li tinġabar bih; l-għoti ta' assigurazzjonijiet li l-finanzjament doppju, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess jiġu evitati fl-implimentazzjoni tal-pjan u li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.
- (40) L-RRP jiddefinixxi l-istadji importanti u l-miri għar-riformi u għall-investimenti kollha u huwa konsistenti mal-oġġettivi fit-tul segwiti fil-pjan. L-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi proposti użati għall-istadji importanti u l-miri huma ċari, robusti u komprensivi biżżejjed sabiex jiżguraw li t-tlestija tagħhom tkun tista' tiġi vverifikata u traċċata. L-għadd ta' stadji importanti u miri jirrifletti l-għadd kbir ta' miżuri u ta' sottomiżuri biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-pjan. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ sabiex jiġġustifika talba għall-iżborż.
- (41) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku

stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ sabiex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

Kost

- (42) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmata tal-RRP hija sa ċertu punt medju (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (43) Il-Bulgarija pprovdiet kostijiet stmata individwali għall-miżuri kollha fl-RRP li se jiġġeneraw in-nefqa. Il-Bulgarija pprovdiet informazzjoni ġeneralment ċara u suffiċjenti biex tiġġustifika l-estimi tal-kostijiet assoċjati ma' kull waħda mir-riformi u l-investimenti fil-pjan, fejn meħtieġ fil-livell ta' investiment sekondarju. L-evidenza pprovduta mill-Bulgarija hija biżżejjed biex jiġi konkluż li l-ammont tal-kost totali stmat tal-pjan huwa raġonevoli u plawżibbli, peress li l-ammonti huma xierqa u konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. Għall-maġġoranza tal-miżuri, jiġu pprovduti kalkoli li fuqhom huma bbażati l-estimi tal-kostijiet, u dawn huma fil-biċċa l-kbira ċari u jinfteihu. Setgħu ġew ipprovduti aktar dettalji għal ċerti miżuri biex jiġi spjegat kif ġie kkalkulat il-baġit finali. Għal miżuri xprunati mid-domanda (bħal investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini, jew programmi ta' appoġġ għan-negożji), ġiet inkluża referenza għall-eżekuzzjoni baġitarja sħiħa, u, fejn xieraq, għan-numru mistenni ta' benefiċjarji. Fir-rigward tal-maġġoranza tal-miżuri, il-Bulgarija pprovdiet informazzjoni dwar il-kost ta' miżuri simili mwettqa fil-passat kull meta dawn kienu disponibbli. Meta dan ma kienx disponibbli, bħal pereżempju għal proġetti ġodda, il-Bulgarija pprovdiet kwotazzjonijiet tal-prezzijiet jew, f'xi każijiet, informazzjoni dwar l-ipprezzar minn sorsi disponibbli pubblikament. L-istima tal-kost tal-miżuri inklużi fil-pjan hija ġeneralment konsistenti ma' miżuri simili, inklużi investimenti ffinanzjati minn programmi oħra tal-Unjoni jekk disponibbli. L-istimi tal-kostijiet tal-RRP Bulgaru ġew riveduti mill-Aġenzija Eżekuttiva Bulgara għall-Awditjar tal-Fondi Ewropej, li ddikjarat li l-istimi tal-kostijiet huma kompluti, raġonevoli u plawżibbli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/241, u li ma għandhom l-ebda sors ieħor ta' finanzjament. Il-Bulgarija pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmata tal-RRP li għandu jiġi ffinanzjat skont il-Faċilità ma huwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (44) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j), u l-Kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra għall-promozzjoni u l-infurzar tal-

³ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

- (45) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti, u tidentifika b'mod ċar l-atturi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. Is-sistema ta' kontroll intern u arranġamenti rilevanti oħrajn, inkluż il-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' *data* dwar ir-riċevituri finali huma mistennija jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u jevitaw finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Trid tiġi stabbilita sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP li trid tkun operazzjonali sal-ewwel talba għall-ħlas. Stadju importanti jenħtieġ li jiżgura li s-sistema tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u tal-miri u (b) il-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-*data* meħtieġa skont l-Artikolu 22(2)(d)(i) sa (iii) ta' dak ir-Regolament.
- (46) Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri speċifiċi sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli relatati mal-prevenzjoni, mad-detezzjoni u mal-korrezzjoni tal-frodi, il-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju. L-RRP jipprovdi informazzjoni dwar il-kapaċità amministrattiva tal-korpi li se jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jimplimentaw l-RRP fil-Bulgarija, kif ukoll daww il-korpi li għandhom iwettqu attivitajiet ta' awditjar. Huwa jagħti wkoll informazzjoni dwar il-mandat legali tal-korpi varji. F'konformità mal-Artikolu 20(5)(e) tar-Regolament (UE) 2021/241, stadju importanti dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet responsabbli u l-ħtiġijiet tal-kapaċità jikkostitwixxi miżura neċessarja għall-konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament u jenħtieġ li jintlaħaq qabel l-ewwel talba għall-ħlas bħala prekondizzjoni għal kwalunkwe żborż taħt il-Faċilità. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm stadju importanti li jirrikjedi d-dħul fis-seħħ tal-Att li japprova s-sistema ta' ġestjoni u kontroll u jenħtieġ li dan l-istadju importanti jintlaħaq qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għall-ħlas bħala prekondizzjoni għal kull żborż fil-qafas tal-Faċilità.

Koerenza tal-RRP

- (47) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u l-Kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (48) L-RRP huwa strutturat madwar erba' pilastru koerenti li jappoġġaw l-irkupru tal-ekonomija Bulgara, il-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u r-reżiljenza mtejba lejn tkabbir aktar sostenibbli u inklużiv. Kull pilastru huwa mibni madwar komponenti li jinkludu pakketti konsistenti ta' riformi u investimenti ta' tisħiħ reċiproku u komplementari. Id-dħul fis-seħħ tar-riformi kmieni fl-iskeda ta' żmien tal-pjan jiżgura ambjent ta' appoġġ għar-realizzazzjoni tal-investimenti, li mbagħad jikkontribwixxi għall-oġettivi tar-riformi. Fil-livell tal-RRP, il-pilastru kollha jseguwu

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

objettivi komplementari u jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti. L-RRP ma jippreżentax inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet bejn il-pilastri jew il-komponenti. Il-pilastri kollha skont il-pjan jipprevedu miżuri li jsaħħu l-effetti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika. Is-soluzzjonijiet diġitali inklużi fl-RRP kollu, b'mod partikolari dawk fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija, huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, u li jippromwovu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Il-miżuri sabiex jappoġġaw lin-negozji huma mistennija li jindirizzaw l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni doppja. Barra minn hekk, il-miżuri li jikkontribwixxu għal ambjent tan-negozju mtejjeb jappoġġaw l-investimenti kollha inklużi fl-RRP, filwaqt li l-investimenti u r-riformi fl-edukazzjoni u l-ħiliet huma mistennija wkoll li jrawmu t-tranżizzjoni diġitali kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni.

- (49) Il-ħtieġa li jiġu stabbiliti komplementarjetajiet sistematiċi mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni hija evidenti u hemm eżempji ppreżentati fil-komponenti. Il-linji ta' demarkazzjoni huma żviluppati biżżejjed u jenħtieġ li jitqiesu wkoll għall-finalizzazzjoni tal-ftehim ta' sħubija u tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni.

L-ugwaljanza

- (50) L-RRP fih miżuri li huma mistennija jgħinu lill-Bulgarija tindirizza l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inklużi miżuri mmirati lejn l-iżvilupp personali taż-żgħażaġh minn gruppi vulnerabbli, inklużi r-Roma, il-mobbiltà u l-opportunitajiet għal għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabilità u l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani. L-RRP jinkludi wkoll miżuri mmirati lejn il-promozzjoni ta' aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, inklużi investimenti fil-kindergartens, b'implikazzjonijiet għall-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Fil-pjan, il-Bulgarija timpenja ruħha li tiżgura li r-rispett għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza għal kulħadd jiġi ssalvagwardjat fl-istadji kollha tat-tnejjija u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti previsti.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (51) Il-Bulgarija pprovdiet awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti fil-kapaċitajiet diġitali u fil-konnettività, f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2021/241. Matul l-RRP, diversi komponenti jinkludu taqsima li tispjega l-aderenza tal-miżuri mal-kwistjonijiet miftuħa tal-Unjoni dwar l-awtonomija strateġika u s-sigurtà.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (52) L-RRP jiddeskrivi li l-Bulgarija kkonsultat firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi sħab soċjali, awtoritajiet reġjonali u lokali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, komunità tan-negozju u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn fl-istadji inizjali tat-tnejjija tal-RRP. L-ewwel abbozz tal-RRP kien soġġett għal konsultazzjoni pubblika li għabt aktar minn 90 pożizzjoni minn partijiet interessati, li servew bħala bażi għar-reviżjonijiet sussegwenti tal-RRP. Il-konsultazzjoni fl-istadji ta' wara kienet aktar immirata, u kienet tinvolvi l-aktar lis-sħab soċjali u lir-rappreżentanti settorjali speċifiċi. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (53) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tal-Bulgarija bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-

Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tistabilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (54) Il-kost totali stmat tal-RRP tal-Bulgarija huwa BGN 13 491 125 932, li huwa ekwivalenti għal EUR 6 897 903 157 fuq il-bażi tar-rata ta' mgħax referenzjali EUR BGN tal-BĊE fil-15 ta' Ottubru 2021. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Bulgarija, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Bulgarija jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Bulgarija.
- (55) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Bulgarija għandu jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, għall-Bulgarija jenħtieġ li jkun disponibbli issa ammont li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemija fl-Artikolu 11(1)(a) ta' dak ir-Regolament bħala impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn ikun meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni sabiex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (56) L-appoġġ li jrid jiġi pprovdut irid jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053⁵. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Bulgarija tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (57) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħliel il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Bulgarija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2 *Kontribuzzjoni finanzjarja*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Bulgarija kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 6 267 312 124⁶. Ammont ta' EUR 4 636 043 337 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Bulgarija li hija uguali għal jew aktar minn EUR 6 267 312 124, għandu jkun disponibbli ammont ieħor ta' EUR 1 631 268 787 biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Bulgarija li tkun inqas minn EUR 6 267 312 124, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 4 636 043 337 għandha tkun disponibbli biex tiġi impenjata legalment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Bulgarija fi hłasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
3. Ir-rilaxx tal-hłasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u għal deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Bulgarija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għall-hłas, il-Bulgarija għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3 *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁶ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Bulgarija tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.